Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,766, 17 ta' Ġunju, 2011
Taqsima B

A.L. 232 ta' l-2011

ATT DWAR IL-KUMMISSARJI GĦALL-ĠUSTIZZJA (KAP. 291)

Regolamenti ta' l-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tribunali Lokali (Twaqqif ta' Tribunali u Tismija tar-Reġistru, Reġistratur u Uffiċjali Oħra)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 u 13 ta' l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tribunali Lokali (Twaqqif ta' Tribunali u Tismija tar-Reġistru, Reġistratur u Uffiċjali Oħra) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar it-Tribunali Lokali (Twaqqif ta' Tribunali u Tismija tar-Reġistru, Reġistratur u Uffiċjali Oħra), hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali". Titolu. L.S. 291.02.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara t-tifsira "Kumitat Konġunt", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja: Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

" "Kumitat Reġjonali" tfisser kull Kumitat imwaqqaf taħt l-artikolu 37(4) tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, u għandu jkun magħmul minn rappreżentant ta' kull kunsill lokali minn kull lokalità li tkun tifforma parti mir-Reġjun skond il-Ħdax il-Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, presedut minn rappreżentant reġjonali elett skont ir-Regolamenti dwar l-Assoċjazzjoni ta' Awtoritajiet ta' Gvern Lokali;". Kap. 363. L.S. 363.06.

3. Ir-regolament 3 għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

(a) Minflok il-paragrafu (h) għandu jidħol dan li ġej:

"(h) San Pawl il-Baħar; u,

(b) fil-paragrafu (i) tiegħu, minflok il-kelma "Victoria" għandha tidħol il-kelma "Xewkija".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fis-subregolament (2) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "tal-Kumitat Konġunt", għandhom jiżdiedu l-kliem "jew Kumitat Reġjonali".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

5. Minnufih wara s-subregolament (2) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Ir-Reġistru ta' Tribunal għandu jkun miftuħ bejn id-9:00 a.m. u t-3:00 p.m. mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' Marzu u mid-9:00 a.m. sa nofsinhar mill-1 ta' April sat-30 ta' Ottubru.".

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

6. Fir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "mill-Kumitat Konġunt", għandhom jiżdiedu l-kliem "jew mill-Kumitat Reġjonali".

Jissostitwixxi r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

7. Minflok ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"7. Għall-finijiet ta' l-artikolu 10(5) ta' l-Att penali, inklużi penali addizzjonali u spejjeż li jiġu imposti mit-Tribunali, u inklużi penali għal disprezz tal-qorti, li jkollhom x'jaqsmu ma' proċedimenti taħt xi liġi jew regolament, li jkollhom l-infurzar tagħhom delegat lill-kunsilli lokali, għandhom ikunu dovuti lill-Kunsill Lokali u għandhom jinġabru f'isem dak il-Kunsill mill-persuna li jkollha r-rappreżentanza legali ta' dak il-Kunsill Lokali.".

Jenumera mill-ġdid ir-regolamenti 8 u 9 tar-regolamenti prinċipali.

8. Ir-regolamenti 8 u 9 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala r-regolamenti 9 u 10 rispettivament.

Iżid ir-regolament 8 ġdid mar-regolamenti prinċipali.

9. Minnufih wara r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Penali dovuti lill-Kumitat Reġjonali.

8. Penali, inklużi pieni addizzjonali u spejjeż li jiġu imposti mit-Tribunal, u inklużi penali għal disprezz tal-qorti, li jkollhom x'jaqsmu ma' proċedimenti taħt

xi liġi jew regolament li jkollhom l-infurzar tagħhom delegat lill-Kumitati Reġjonali għandhom ikunu dovuti lill-Kumitat Reġjonali u għandhom jingabru f'isem il-Kumitat Reġjonali mill-persuna li jkollha r-rappreżentanza legali ta' dak il-Kumitat Reġjonali.".